1 ta' Marzu, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Mary Bajada

## Approprjazzjoni Indebita — Appell.

*Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jiġi konsumat malli dak li jkun jagħmel atti ta' dominju fuq il-ħaġa bil-volontà li jeżerċita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta ċ-ċirkustanzi u l-atti jkunu veramment tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawża u t-titolu tiegħu tad-detenzjoni ta' dik il-ħaġa.*

*Meta sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, fuq akkuża ta' approprjazzjoni ndebita, tafferma dawn il-prinċipji bħala elementi kostitutivi ta' dak ir-reat, tkun għamlet enunċjazzjoni tajba tal-liġi. Jekk imbagħad dik il-Qorti, wara li tkun eżaminat il-provi, tilliber(a) lill-imputat għax tirritjeni li minn dawk il-provi ma rriżul-*

*tax li dak li laħaq għamel l-imputat kien inkompatibili ma' l-obligi kontrattwali li kellu, u li għalhekk kien għad ma hemmx l-att ta' l-approprjazzjoni indebita, dik il-liberazzjoni tkun bażata fuq apprezzament tal-provi mingħajr ebda enunċjazzjoni ħażina tal-liġi; u għalhekk dik is-sentenza liberatorja ma hix appellabili da parti ta' l-Attorney General.*

Il-Qorti, — Fuq l-att ta' l-Attorney General tal-5 ta' Diċembru 1951, li bih ġew rinvijati lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, l-atti tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, talli fil-11 ta' Ottubru 1951, f'dawn il-Gżejjer, billi dawwarhom bi profitt għalih jew għal persuna oħra, approprija ruħu minn erba' tunellati faħam, proprjetà ta' l-Ammiraljat, li jiswew aktar minn £10 iżda anqas minn £100, u li ġew fdati u kunsinnati lilu minħabba l-industrja u l-kummerċ tiegħu, taħt titolu li jġib miegħu l-obligu tar-radd tagħhom jew li jsir minnhom użu speċifikat, sabiex dik il-Qorti tiddeċidi fuq il-ħtija li setgħet tirriżulta kontra l-imputat taħt dak li hemm maħsub fl-art. 307, 308, 424 (1) (b), 32 (1) (b) (xi) (x) (ix) tal-Kodiċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra, u dana bis-saħħa tal-Government Notice nru. 337 ta' l-1940, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-3 ta' Jannar 1952, iddikjarat illi mill-fatti ma tirriżultax l-approprjazzjoni indebita, u konsegwentement sabet lill-imputat mhux ħati tar-reat dedott kontra tiegħu, u ordnat li jiġi liberat;

L-Attorney General appella;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha......;

L-appellant ibbaża l-appell tiegħu fuq ir-raġuni ta' enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi fis-sentenza appellata, billi l-Ewwel Qorti sostniet li l-imputat kien għadu ma poġġiex ruħu fil-pożizzjoni li ma jistax jadempixxi l-obligu tal-konsenja tal-faħam, u ma setax jikkommetti approprjazzjoni indebita għax għall-konsenja tal-faħam kellu sa l-aħħar ta' Ottubru, fil-waqt li d-delitt jissussisti malli r-riċeventi jittforma r-rieda tiegħu li jagħmel l-oġġetti tiegħu, u li fil-fatt l-imputat ma kienx għamel diġà dik ir-rieda;

Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti eżaminat l-elementi tad-delitt skond il-liġi u d-dottrina, u rrilevat li għall-

konsumazzjoni ta' dak id-delitt jeħtieġ l-att ta' l-approprjazzjoni tal-ħaġa, u qalet li dana l-att irid jirriżulta minn fatt esterjuri li ġuridikament jikkostitwixxi att ta' dominju. L-Ewwel Qorti eżaminat ukoll minhiex tista' tirriżulta r-rieda ta' l-imputat li japproprja l-ħaġa, u rrilevat illi r-rieda tista' tirriżulta mill-att stess li jkun għamel, meta dak l-att jippresupponi l-proprjetà, bħal każ ta' bejgħ jew konsum, inkella tirriżulta minn ċirkustanzi diversi u minn atti veri ta' dominju inkompatibili mar-raġuni tal-pussess. B'dana l-Ewwel Qorti wriet li ħadet fil-konsiderazzjoni tagħha l-element kollu tad-dolo u l-mument tal-konsumazzjoni tad-delitt, iżda rriteniet li r-rieda kriminuża trid tiġi esternata per mezz ta' atti li juru li hemm effettivament dik ir-rieda flimkien ma' l-att materjali ta' l-approprjazzjoni. Hawnhekk ma hawn ebda enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi. U tabilħaqq, id-delitt ta' l-approprjazzjoni indebita jiġi kkunsmat malli dak li jkun jagħmel atti ta' dominju fuq il-ħaġa bil-volontà li jeżerċita dominju fuqha; u dan ikun ippruvat meta ċ-ċirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom innifishom mhumiex kompatibili mal-kawża u t-titolu tiegħu tad-detenzjoni ta' dik il-ħaġa;

Meta mbagħad l-Ewwel Qorti applikat dawk il-prinċipji, kompliet tiġbed konklużjoni oħra, li "l-approprjazzjoni tiġi magħmula meta dak li lilu tkun affidata l-ħaġa jagħmel kwalunkwe att li bih ipoġġi ruħu f'pożizzjoni tali li ma jkunx jista' jeżegwixxi l-obligi lilu imposti mill-kuntratt li minħabba fih ġiet lilu fdata l-ħaġa, ċjoè illi jirrestitwiha, jew li jagħmel minnha dak l-użu speċifikat; u preċiżament għax allura huwa jkun wera veru att univoku ta' dominju li jeskludi l-assenza tad-dolo. Fuq dawn il-prinċipji l-Ewwel Qorti eżaminat il-fatti li jirriżultaw mill-provi, u waslet għall-konklużjoni li dak li kien laħaq għamel l-imputat ma kienx inkompatibili ma' l-oblige kontrattwali tiegħu, u li għalhekk kien għad ma hemmx l-att ta' approprjazzjoni indebita;

Inmela l-Ewwel Qorti illiberat lill-imputat fuq apprezzament ta' provi, u ma għamlet l-ebda enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi; u għaldaqstant is-sentenza ma kienetx appellabili għall-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-imputat, ta' l-inappellabilità tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; tiddikjara irritu u null l-appell interpost; u f'daqshekk tipprovdi l-appell.